

L-Artikolu 135(1)(h) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-provvisti, għall-valur nominali tagħhom, ta' bolli tal-posta validi għall-pustaġġ.

Ir-Renju tal-Isvezja afda lil Posten AB bl-obbligi ta' servizz universali li jikkorrispondu għal offerta ta' servizzi postali ta' kwalità ddeterminata pprovduti b'mod permanenti fil-punti kollha tat-territorju bi prezzijiet raġonevoli għall-utenti kollha, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/67/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz<sup>(2)</sup>.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li Posten AB, peress li hija nkarigata mill-obbligi ta' servizz universali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/67, tikkostitwixxi servizz pubbliku skont l-Artikolu 132 tad-Direttiva 2006/112.

Ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jeżenta l-provvisti ta' servizzi postali pprovduti minn Posten AB kif ukoll il-provvisti, għall-valur nominali tagħhom, ta' bolli tal-posta validi għall-pustaġġ fit-territorju nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71.

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-116/14)

(2014/C 135/32)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Yerrell u P. Guerra e Andrade, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi ma addotax u ma kkomunikatx il-linji gwida neċessarji, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2008/96/KE<sup>(1)</sup>, tal-Parlament u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/96, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-adozzjoni ta' linji gwida, fil-każ fejn dawn ma jkunux jeżistu, sad-19 ta' Diċembru 2011, bil-għan li jgħinu lill-entitajiet kompetenti fl-applikazzjoni tad-Direttiva.

Wara li għaddew iktar minn sentejn minn tmiem it-terminu għall-adozzjoni tal-imsemmija linji gwida, l-Istat Portugiż għadu ma adottahomx.

Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2008/96, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-imsemmija linji gwida lill-Kummissjoni, f'terminu ta' tliet xhur mid-data ta' adoxxjoni tagħhom.

Peress li ma' adotta ebda linji gwida, konsegwentement, l-Istat Portugiż naqas mill-imsemmi obbligu ta' notifika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 319, p. 59.